Avviz Numru CCT 186/14/GB

**Nathalie Bellizzi**

**vs**

**Joinwell Ltd.**

Illum 29 ta' Ottubru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Awissu, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' elfejn Ewro / elfejn u hames mitt Ewro (€2000.00/2500.00), rapprezentanti l-ammont li hija tassumi illi kien il-prezz tal-'lacquer' li ntuza fuq kcina li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema lacquer kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet ghamlet l-ewwel depozitu taghha fuq kcina minghand is-socjeta' ntimata fit-12 ta' Marzu 2012. Fl-24 ta' Mejju 2013, hija kienet hallset is-somma dovuta kollha tal-kcina qabel din giet installata fuq il-post, minghajr ma hi qatt ratha, hekk skond il-procedura tas-socjeta' ntimata. Fis-26 ta' Gunju 2013, il-kcina giet installata fuq il-post u hemm hija ndunat, fuq spezzjoni tal-kcina, li kien hemm diversi bibien u xkafef iddanneggjati u l-ispray tal-'lacquer' ma kienx iffinixjat kif suppost ghas-somma li kienet hallset. Dawn gew mibdulin tliet darbiet u xorta jibqa' l-fatt li jigu lura b'xi difett, sa anke l-manager tas-socjeta' ntimata mar fuq il-post jispezzjona, u r-risposta tieghu kienet li kieku jigu mill-kumpanija Taljana jaraw il-kcina, jghidulha li din biex issajjar qieghda.

Illi għalhekk, ir-rikorrenti qiegħda titlob kumpens għaliex hija ħallset ammont ta' flus żejjed speċjalment biex ikollha kwalita' ta' spray 'lacquer' aħjar, hekk kif kienet ġiet informata missoċjeta' ntimata.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ, u msejħa tliet darbiet, m'attendietx għas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-ħin tasseduta is-soċjeta' ntimata kienet għadha ma bagħtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti, hija reġgħat ikkonfermat il-verżjoni tagħha bil-miktub.

Ir-rikorrenti eżebiet kopja tar-riċevuta, li ġiet immarkata bħala Dok.NB1; flimkien ma' sett ta' ħames (5) ritratti, li ġew immarkati bħala Dok.NB2.

Xehed Jonathan Camilleri, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda ġuramentata tiegħu huwa stqarr illi xogħolu hu dak ta' mastrudaxxa. Ir-rikorrenti kienet marret għandu biex issaqsieh parir, fejn meta huwa ra l-kċina in kwistjoni, ma għoġbitu xejn. Ix-xhud ikkonferma illi kellha ħafna 'orange peel' fl-ispray, kif ukoll grif. Żied jistqarr ukoll illi fl-opinjoni tiegħu, il-prezz tal-kċina kien esaġerat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-soċjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruħha tidher għall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li ħa konjizzjoni tal-provi, jagħmel referenza għall-fatt illi nonostante l-provi li ngabu rigwardanti d-difetti fil-'lacquer' li ntuża fil-kċina in kwistjoni, ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-prezz ta' l-istess 'lacquer' u għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti, bbażata fuq il-prezz tal-'lacquer' in kwistjoni, hija waħda nfondata. Illi għalhekk, it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, stante illi hija waħda nfondata u fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjeż tal-kawża kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**